MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2009

Numru. 581/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**-vs-**

**Omissis**

Kumpilazzjoni numru: 581/2007

Il-Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi omissis.

Akkuzat talli nhar il-Hadd, 15 ta' April, 2007, fuq il-monti ta' San Gakbu, fil-Belt Valletta, xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka,

sinjal, jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe' tlieta u ghoxrin (23) *optical diskettes* konsistenti *f'PC games*.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-artikoli 37, u 298(1)(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebieti.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum 2 ta' Frar 2009 l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentment pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni minn-naha n-natura tar-reat u minn-naha l-ohra l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni tieghu f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, l-fedina penali ta'l-imputat li hija netta, kif ukoll l-eta ta' l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti u wara li rat l-artikoli 37, u 298(1)(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi

zmien sena. In oltre l-Qorti qed tordna d-distruzzjoni ta'l-oggetti esebieti formalment a karigu tar-Registratur ta' din il-Qorti.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena.

In konkluzjoni l-Qorti tordna d-diviet mill-publikazzjoni ta' isem l-imputat fil-mezzi ta' xandir u komumikazzjoni stante lifi zmien ir-reat huwa kien minorenni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------